**QORTI ĊIVILI**

**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **190/2023/2 (AD)**

**L-AVUKAT VERONIQUE DALLI**
**BĦALA MANDATARJA SPEĊJALI TA'**
**REGINA EGLE LIOTTA (K.I. 00256209A)**

**VS**

**DR. JOSETTE SULTANA U l-PL MELISSA ANASTASi LI B'DIGRIET TAL-4 TA' JANNAR 2024 ĠEW MAĦTURA BĦALA KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPPREŻENTAW LILL-ASSENTI CHRISTOPHER CATRAMBONE U FIS-SEDUTA TAD-09 TA' JANNAR 2024 l-AVUKAT ROBERT THAKE AĊĊETTA L-BANDU**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tal-Avukat Veronique Dalli nomine datat tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2023, u risposta tal-Avukat Robert Thake sabiex jirraprezenta lill-assenti Christopher Catrambone datata hmistax (15) ta' Jannar 2024.

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Dicembru 2023, l-Avukat Veronique Dalli bhala mandatarja specjali ta Regina Egle Liotta talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat nomine milli

   1. Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, bhala direttur u/jew azzjonist, **jipoteka, ibiegh, inehhi, jittrasferixxi jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponi minn kwalunkwe proprjeta, mobbli jew immobbli, li tifforma parti mill-komunita tal-akkwisti;**

   2. Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, bhala rapprezentant u/jew direttur u/jew azzjonist **tal-kumpaniji kollha li ghandu l-ishma fihom**, direttament u/jew indirettament, fosthom:

      **a.** Tangiers Group P.L.C. (C 61690);
      **b.** Tangiers International Ltd (C 43806)
      **c.** Tangiers Maritime Ltd (C 63621);
      **d.** ReSyH Ltd. (C 58954);
      **e.** Tangiers International LLC ta'
      Corporation Trust Center, 1209 Orange ST, Wilmington, DE 19801 United States (Reg No. 36424050K);

      **jipoteka, ibiegh, inehhi, jittrasferixxi, jaghti xi struzzjoni fi kwalunkwe kapacita jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponi minn kwalunkwe assi tal-istess kumpaniji, mobbli jew immobbli, inkluz b'titolu oneruz u/jew gratuwitu, bl-ghan illi jizvestihom mill assi taghhom;**

   3. Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, bhala rapprezentant u/jew direttur u/jew azzjonjist **tal-kumpaniji kollha li ghandu l-ishma fihom**, direttament u/jew indirettament, fosthom:

      **a.** Tangiers Group P.L.C. (C 61690);
      **b.** Tangiers International Ltd (C 43806)
      **c.** Tangiers Maritime Ltd (C 63621);
      **d.** ReSyH Ltd. (C 58954);
      **e.** Tangiers International LLC ta'

Corporation Trust Center, 1209 Orange ST, Wilmington, DE 19801 United States (Reg No. 36424050K);

**jipoteka, ibiegh, inehhi, jittrasferixxi, jaghti xi struzzjoni fi kwalunkwe kapacita jew bi kwalunkwe mod iehor jiddisponi minn l-ismha registrati f'ismu jew li taghhom huwa l-beneficcjarju ahhari ('Ultimate Beneficial Owner') fl-istess kumpaniji, inkluz b'titolu oneruz u/jew gratuwitu, jew jaghti kwalunkwe struzzjoni fi kwalunkwe kapacita li tista twassal ghall- istralc tal-istess kumpaniji;**

4. Jippartecipa f'ri-organizzazzjoni jew ristrutturar **tas-socjetatjiet kollha li fihom jinsab azzjonijist** li permezz taghhom isir tnaqqis fil-valur tal-ishma tal-intimat jew b'xi mod iehor jintilfu d-drittijiet attinenti lill-istess ishma li dawn igawdu illum, jew li jaghti il-kunsens tieghu bil-mod mahsub mill-Ligi u/jew fl-istatut ossija Memorandum and Articles of Association **tas-socjetajiet kollha li fihom jinsab azzjonist**, fosthom:

    **a.** Tangiers Group P.L.C. (C 61690);
    **b.** Tangiers International Ltd (C 43806)
    **c.** Tangiers Maritime Ltd (C 63621);
    **d.** ReSyH Ltd. (C 58954);
    **e.** Tangiers International LLC ta'
    Corporation Trust Center, 1209 Orange ST, Wilmington, DE 19801 United States (Reg No. 36424050K);

**ghal zieda fil-kapital azzjonarju mahrug ossija issued share capital tal-istess socjetatjiet u kif ukoll milli jaghti il-kunsens tieghu bil-mod mahsub mill-Ligi u mill-istatut ossija Memorandum and Articles of Association tal-istess socjetajiet ghall-allokazzjoni ossija sottoskrizzjoni ta' ishma godda lill terzi inkluzi l-azzjonisti prezenti tas-socjetajiet hawn msemmija fejn tali zieda u tali hrug jew allokazzjoni jnaqqsu jew icekknu s-sehem (percentwal) tal-ishma tieghu fil-kumpaniji minn dak li huma bhalissa;**

5. Bi kwalunkwe mod, jaghti kwalunkwe struzzjonijiet, direttament u/jew indirettament, bhala direttur u/jew azzjonist, bl-intenzjoni li jneħħi lir-rikorrenti mill-kariga tagħha ta' direttrici tas-soċjetàjiet Tangiers Group plc (C 61690), ReSyH Ltd. (C 58954), Tangiers International Ltd (C 61690);

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Dicembru 2023 stess, wara illi rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament, u rriservat illi tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri. Għal dan il-għan, din il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tad-disgha (9) ta' Jannar 2024, ordnat in-notifika tar-rikors lill-kuraturi deputati appuntati sabiex jirraprezentaw lill-intimat, u akkordat lill-intimat terminu sat-tmienja (8) ta' Jannar 2024 għar-risposta;

4. Permezz ta digriet tal-4 ta' Jannar 2024 gew nominati l-Avukat Dr. Josette Sultana ul-Prokuratur Legali Melissa Anastasi bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-intimat.

5. Waqt is-seduta tad-disgha (9) ta' Jannar 2024, irriżulta lil din il-Qorti illi l-kuraturi kienu ghadhom mhux notifikati bir-rikors u d-digriet ta' din il-Qorti izda deher l-Avukat Robert Thake li accetta l-bandu u l-kurazija sabiex jirraprezenta lill-intimat u inghata sal-hmistax (15) tal-Jannar 2024 sabiex jipprezenta risposta. Għalhekk ir-rikors ġie differit għas-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2024;

6. Permezz ta' risposta datata hmistax (15) ta' Jannar 2024, l-intimat nomine espona s-segwenti:

**<u>Nuqqas ta' ġurisdizzjoni</u>**

**1.** Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), u kif ukoll il-Qrati ta' Malta b'mod ġenerali, m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu il-kawża odjerna u dan għaliex ma tapplika ebda sub-artikolu tal- artikolu 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Illi in oltre, l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni stante illi diġà hemm proċeduri matrimonjali ġewwa l-Istati Uniti ossia ġewwa New Orleans liema proċeduri infetħu fl-24 ta' Ottubru, 2023 filwaqt illi l-proċeduri odjerni bdew (permezz ta' medjazzjoni) fil-5 ta' Diċembru 2023.

3. Illi apparti l-fatt illi l-Qrati tal-Istati Uniti għandhom jitqiesu bħal *the court first seised,* jigi sottomess illi **r-rikorrenti diġà akwijexxiet għall-Orati ta' New Orleans.** u dan għaliex apparti li rrispondiet ghall-proċeduri tal-esponent ġewwa New Orleans u għalhekk ipparteċipat fl-istess, ir-rikorrenti intavolat proċeduri hija stess, permezz ta' kontro-talba (kopja tal-kawża tal-esponent u tal-kontro-talba tar-rikorrenti annessi u mmarkati **DOK A** u **DOK B** rispettivament). Jiġi rilevat illi d-divorzju intavolat, kif jirrizulta mill-att innifsu, ġie intavolat taht id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 102 tal-Kodiċi Ċivili ta' Louisiana li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3958 tal-Kodiċi ta' Proċedura ta' Louisiana jista' jiġi rtirat biss bil-parteċipazzjoni tal-esponent.[1]

4. Illi di piu, fl-imsemmija kontro-talba, r-rikorrenti bl-aktar mod inekwivoku issottomettiet illi huma l-Qrati ta' l-istati Uniti, ossia ta' New Orleans, illi għandhom ġurisdizzjoni illi jisimgħu l-kawża matrimonjali ta' bejn il-kontendenti:

*"Jurisdiction is proper in this Court pursuant to Louisiana Code of Civil Procedure Article 10(A)(7), inasmuch as both Petitioner-in-reconvention and Defendant-in- Reconvention are domiciled in the State of Louisiana."*

u

*"Venue is proper in* ***this*** *Court pursuant to the Code of Civil Procedure Article 3941 because both parties are domiciled in the Parish of Orleans, State of Louisiana."*

5. Illi ghall kull buon fini jiġi rilevat illi r-rikorrenti saħansitra tgħid illi d-dar matrimonjali tal-partijiet tinsab fl-Istati Uniti u cioe 1711, Palmer Avenue New Orlean, Louisiana 70118.

6. Illi in oltre, jiġi rilevat illi l-mertu tal-mandat odjern diġà huwa kontemplat fil-kap XII tal-kontro-talba tar-rikorrenti u fit-talbiet tagħha u fil-fatt jidher mill-istess illi r-rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat *"to prevent the transfer, disposal of, alienation, or encumbarance of any property belonging to the community of acquests and gains."*

[1] 3958. A judgment dismissing a petition for divorce under Civil Code Article 102 shall be rendered upon joint application of the parties and upon payment of all costs, or upon contradictory motion of the plaintiff. A judgment of dismissal rendered under this Article shall be without prejudice to any seperation of property decree rendered under Civil Code Articles 2374 and 2375.

**Difett fil-forma tal-mandat**

**7.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi l-mandat in kwistjoni huwa null u bla effett u dan għaliex ġie ntavolat taht id-dispożizzjoni skorretta tal-liġi, ossia l-artikolu 876 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement bil-forma ħażina liema forma hija meħtieġa *ad validitatem..*

**8.** Illi l-artikolu 876 huwa mandat speċjali u sui *generis,* bil-proċedura speċifika tagħha, u anke il-formola tagħha u cioe' il-formoli 22 u 23, liema formoli ġew skartati.

**9.** Illi di piu, anke jekk għall grazzja tal-argument, il-Qorti jogħġobha tawtorizza lir-rikorrenti tikkoreġi l-iżball fil-forma tal-mandat odjern, l-mandat inkwistjoni tista' tirnexxi biss jekk il-partijiet jew min minnhom tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali. Fil-każ odjern, kif diġà imsemmi fl-ewwel eċċezzjoni tal-esponent, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' dawn il-proċeduri u għalhekk il-mandat in kwistjoni, apparti li affett mill-istess difett, hija konsegwentement destinata illi tfalli ghall-istess raġuni.

**Fuq il-mertu**

**10.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi l-mandat huwa oppost anke fil-mertu stante illi l-ismha u l-assi miżmumin mill-kumpaniji ċitati huma assi parafernali tal-esponent kif ser jirrizulta fis-smigħ tal-mandat.

7. Waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2024, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-mandat odjern u ddikjarat illi kienet ser tipprovdi kameralment dwar it-talba magħmula;

**Fatti tal-Każ u talbiet tar-rikorrenti.**

8. Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Gunju 2010 (Dok A) u prezentement ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), liema proceduri jinsabu fi stadju ta' medjazzjoni Ref tal-Att 1400/2023 (Dok B);

9. Illi bejn il-partijiet jezisti ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti;

10. Illi ricentament, ir-rikorrenti giet mgharrfa mill-Company Secretary tas-socjeta Tangiers Group plc, permezz ta' email (Dok C), illi giet skedata laqgha tal-Bord tad-Diretturi ta' Tangiers Group plc sabiex ir-rikorrenti titnehha mill-karigi kollha taghha fi hdan l-istess socjeta u sabiex minflokha tigi mahtura propju s-socjeta Tangiers International LLC bhala direttur u rapprezentant legali u gudizzjali taghha;

11. Illi din il-laqgha effettivament ma sehhitx stante illi r-rikorrenti intavolat mandat ta' inibizzjoni (Ref 2273/2023) fejn talbet il-Qorti sabiex izzomm lis-socjeta Tangiers Group plc milli jkollha tali laqgha tad-diretturi, liema talba giet provizorjament milqugha u d-decizjoni provizorja baqghet in vigore sad-data skedata ghal-laqgha, sabiex eventwalment il-mertu tat-talba gie ezawrit;

12. Illi s-sid beneficċjarju tas-soċjetà Amerikana Tangiers International LLC (u allura, tas-soċjetà Tangiers Group plc ukoll) huwa l-intimat Christopher Catrambone u skond ir-rikorrenti dawn il-manuvri qegħdin isiru fl-isfond ta' separazzjoni personali bejn l-istess Catrambone u r-rikorrenti Regina Egle Liotta.

13. Illi r-rikorrenti sssotni li hija a konoxxenza tal-fatt li jezisti dokument fejn, apparti t-tnehhija taghha mill-Bord ta' Tangiers Group plc, qed jigu ppjanati manuvri shah, bi spjegazzjonijiet dettaljati pass pass ta' dak kollu li ghandu jsir sabiex titnehha wkoll mill-Bord ta' Tangiers International Ltd u ReSyH Ltd, u dan minghajr ma inghatat ebda raguni jew spjegazzjoni;

14. Illi r-rikorrenti ssostni wkoll li minghajr ebda gustifikazzjoni hija giet abbuzivament imblukkata milli taghmel uzu mill-email addresses taghha eliotta@tangiersinteenational.com, rcatrambone@moas.eu, rcatramboneuk@moas.eu, (Dok D) u dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap 9 biex b'hekk tilfet l-access kollu li kellha ghalihom kif ukoll ghall banek u payment provider platforms, is-sistemi interni tal-kumpaniji kollha u di piu,

l-impjegati kollha tas-socjetajiet koncernati gew mgharrfa illi m'ghandhomx jikkomunikaw mar-rikorrenti f'ebda cirkustanza;

15. Illi r-rikorrenti ssostni li dawn il-manuvri huma intizi biss sabiex jaghtu bidu ghal azzjoni malizzjuza u premeditata mill-intimat sabiex iwarrab ghal kollox, minghajr ebda gustifikazzjoni, lill-martu mill-gestjoni tal-istess socjetajiet;

16. Illi mill-Memorandum and Articles u d-dettalji tal-imsemmija socjetajiet (Doks E sa I) jirrizulta li l-intimat huwa direttur u/jew shareholder direttament u/jew indirettament tramite socjetajiet ohra li taghhom huwa l-beneficcjarju ahhari (ultimate beneficial owner);

17. Illi fir – rigward tas-socjetajiet Tangiers Group plc, Tangiers Maritime Ltd, ReSyH Ltd u s-socjeta estera Tangiers International LLC, dawn gew kostitwiti waqt iz-zwieg tal-partijiet u ghaldaqstant jiffurmaw parti mill-komunjoni;

18. Illi fir-rigward tas-socjeta' Maltija Tangiers International Ltd, din giet inkorporata fl-2008 u ghalhekk ftit zmien qabel iz-zwieg tal-partijiet. Madanakollu, l-azzjonisti taghha huma l-intimat stess u s-socjeta Maltija Tangiers Group plc li kif diga inghad giet kostitwita wara z-zwieg;

19. Illi l-introjtu u d-dhul tal-partijiet tul iz-zwieg gie esklussivament, jew kwazi esklussivament, mis-socjetajiet hawn msemmija u ohrajn esteri illi taghhom ir-rikorrenti ghad m'ghandiex l-informazzjoni necessarja f'dan l-istadju;

20. Illi r-rikorrenti tghid li ricentament ghamlet diversi talbiet lis-segretarju tal-kumpaniji kostitwiti hawn Malta u li fuqhom qeghda direttrici sabiex tottjeni informazzjoni utli ghaliha (Dok J) izda l-informazzjoni mitluba baqghet ma inghatatx fl-intier taghha, u ghaldaqstant ghandha interess ukoll fl-operat stante illi l-intimat, bhala direttur tas-socjetajiet, jista jiehu decizjonijiet illi jistghu b'xi mod jippregudikaw l-assjem tal-assi illi kellhom flimkien u ghalhekk l-interessi tar-rikorrenti jistghu jigu ppregudikati wkoll;

21. Illi fir-rigward tal-hames talba, ir-rikorrenti tishaq illi jekk il-valur tas-sehem detenut mill-kontendenti jigi ridott, il-valur tal-patrimonju komuni tal-kontendenti

jigi ridott bit-tnaqqis tal-valur tal-ishma detenuti illi fuqhom l-istess kontendenti jkunu tilfu l-kontroll ghal kollox;

22. Illi r-rikorrenti qieghda tibza illi sejrin jinhargu ishma godda fis-socjetajiet msemmija li jigu sottoskritti ossija akkwistati minn terzi u li dan jigri minn wara daharha kif minn wara daharha qed jigu ppjanati dawn il-manuvri shah sabiex titnehha minn kull kariga li ghandha u kif effettivament diga giet imwaqqfa illegalment milli taccedi ghall-pjattaformi tas-socjetajiet li taghhom hija direttrici;Illi jekk dan fil-fatt isehh minghajr ma l-intimat ikun ha sehem proporzjonali f'tali zieda, il-gid li jaghmel mill-komunjoni jkun ittiehed jew ghadda ghand haddiehor, jew ikun tnaqqas il-valur tieghu li jigi ma jiswiex, jingieb fix-xejn jew jiswa anqas u dan bi pregudizzju irrimedjabbli ghar-rikorrenti;

23. Illi r-rikorrenti specifikat li tifhem li safejn jirrigwarda l-imgiba tal-imsemmija socjetajiet f'dawk li huma s-setghat li l-ligi taghtihom, it-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat ma jistax ikollha rabta. Madanakollu, safejn decizjonijiet li jittiehdu f'dawk is-socjetajiet ikunu gejjin mill-intimat jew jiddependu minnu (b'mod partikolari fejn huwa direttur, anke tramite socjetajiet ohra li taghhom ikun direttur), ir-rabta tal-Mandat tghodd ghalih fil-vesti personali u fil-vesti tieghu ta' direttur jew azzjonist u ma jistax jinheba wara l-velu tas-socjetajiet li mhumiex msemmija f'din il-procedura biex jaghmel xi tip ta' azzjoni li biha jikkawza pregudizzju lir-rikorrenti;

## Il-Qorti

24. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

25. Wara li semgħet it-trattazzjoni tar-rikorrent noe u l-intimat nomine waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2024;

26. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

**Nuqqas ta' gurisdizzjoni u lis alibi pendens.**

27. Fir-Risposta tieghu kif ukoll waqt it-trattazzjoni ta dan il-mandat l-intimat jeccepixxi (i) li din il-Qorti kif ukoll il-Qrati ta' Malta m'ghandhomx gurisdizzjoni sabiex jisimghu il-kawza odjerna u dan ghaliex ma japplika ebda sub-artikolu tal-Artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta Malta u (ii) diga hemm proceduri matrimonjali pendenti bejn il-partijiet fl-Istati Uniti liema proceduri infethu fl-24 ta' Ottubru 2023 u ghalhekk qabel il-proceduri ta' medjazzjoni quddiem din il-Qorti li nbdew fil-5 ta Dicembru 2023 u (iii) ir-rikorrenti diga' akwijexxiet ghall-Qrati ta' New Orleans ghaliex irrispondiet ghall-proceduri u ntavolat kontro-talba fl-istess proceduri fejn il-mertu tal-mandat odjern huwa kontemplat fl-istess kontro-talba;

28. Ir-rikorrenti min-naha l-ohra tirribadixxi illi fi proceduri ta' din ix-xorta li huma ta' natura sommarja il-Qorti m'hijiex mistennija li tikkunsidra u tiddeciedi dwar tali eccezzjonijiet u li tali eccezzjonijiet ghandhom jigi trattati mill-Qorti li ser tisma' l-kawza fil-mertu;

29. Din il-Qorti taqbel li eccezzjonijiet ta' din ix-xorta ma jistghux jigu trattati fi proceduri sommarji bhal ma huma dawk odjerni ghal hrug ta mandat kawtelatorju fuq bazi prima facie u li tali eccezzjonijiiet ghandhom jigu trattati mill-Qorti li ser tisma' l-kawza fil-mertu. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-provvediment li nghata fl-atti tal**-mandat ta' inibizzjoni numru 7752015LM** fl-ismijiet **'Dr. Majdi Ashibani et noe vs Feizal Gergab** 'fejn inghataw eccezzjonijiet simili u ntqal hekk:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens ghandha semmai tigi trattata fil-kawza dwar il-mertu li giet istitwita mir-rikorrent kontra l-istess intimati. Fi proceduri ta' din ix-xorta, din il-Qorti m'hijiex mistennija tidhol fid-dettall dwar il-kwistjoni jekk dawn il-proceduri u l-proceduri li gew istitwiti fil-Grand Dukat tal-Lussemburgu humiex bejn l-*

*istess partijiet u li dawn qeghdin jagixxu fl-istess kwalita (eadem personae), jekk hemmx fiz-zewg  proceduri l-eadem res u jekk it-talbiet fiz-zewg proceduri ghandhomx l-istess kawza idem ius eadem causa pendenti";*

30. Din il-Qorti jidrilha li ghal finijiet ta' din il-procedura ghall-hrug ta' mandat ta inibizzjoni huwa sufficjenti li giet esebita kopja tar-residence permit Maltija tar-rikorrenti Regina Egle Liotta (Dok. N a fol. 225 tal-atti u li mill-atti jirrizulta li hemm proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti liema proceduri jinsabu fi stadju ta' medjazzjoni (Ref tal-Att 1400/2023 Dok. B a fol. 14 tal-atti processwali) u tirritjeni li dawn l-eccezzjonijiet preliminari ghandhom jigu trattati quddiem il-Qorti li ser tisma' l-kawza fil-mertu. **Din il-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom ghall-finijiet ta' din il-procedura sommarja.**

**Difett fil-forma tal-mandat.**

31. L-intimat jeccepixxi wkoll li l-mandat de quo huwa null u bla effett ghaliex gie ntavolat taht id-disposizzjoni skorretta tal-ligi, ossia l-Artikolu 876 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement bil-forma hazina liema forma hija mehtiega ad validatem. L-intimat isostni li l-Artikolu 876 huwa mandat specjali u sui generis,bil-procedura specifika tieghu fejn ghandhom jintuzaw il-formoli 22 u 23, liema formoli ma ntuzawx fil-kaz odjern.

32. Minn ezami tar-rikors promotur jirrizulta inekwivokabilment li t-talba ghall-hrug tal-mandat de quo saret ai termini taal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-formola li ntuzat kienet dik korretta. Inoltre l-Qorti jidrilha li t-talbiet kif saru jinkwadraw ruhhom taht dak li jiddisponi l-Artikolu 873. Illi inoltre l-Qrati Maltin dejjem sahqu 'illi n-natura tar-rimedju mitlub huwa wiehed konservattiv tal-istat ta' fatti u dak li jista' jintalab bis-sahha tal-Mandat

‘specjali’ taht l-artikolu 876 m’ghandux ma jkunx ukoll jista’ jintalab bis-sahha tal-Mandat ‘generali’ taht l-artikolu 873 jekk jintwerew l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-mandat taht dan l-artikolu’ (**Daniela Galea Souchet vs Jean Galea Souchet Mandat numru 1452015 27 ta’ Lulju 2015**).

33. Ma gie riskontrat ebda difett fit-talbiet ghall-hrug tal-mandat de quo u din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk michuda.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-mertu.**

34. L-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi, *“L-iskop tal-mandat t’inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat”,* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *“Il-Qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet”;*

35. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni:

a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent ikun qed jippretendi illi għandu;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

36. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[2]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

37. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[3]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun*

---

[2] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

[3] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

38. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[4]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

39. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrent, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrent, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

[4] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

40. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[5]

41. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[6], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

[5] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[6] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

42. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[7]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

43. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[8]

---

[7] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

[8] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

44. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża;

**A. <u>L-Ewwel Element</u>: <u>Ir-rikorrenti għandha jkollha jedd *prima facie*</u>**

45. Mill-fatti kif esposti aktar il-fuq jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Gunju 2010 u li bejn il-partijiet jezisti r-regime tal-komunjoni tal-akkwisti. Jirrizulta wkoll li bejnithom hemm ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja liema proceduri jinsabu fi stadju ta' medjazzjoni. Jidher li l-jedd prima facie li r-rikorrenti tippretendi li ghandha huwa dak li jithares l-interess taghha fil-komunjoni tal-akkwisti b'mod partikolari li l-gid li jifforma parti mill-istess komunjoni ma jittehidx jew jghaddi ghand haddiehor jew li jitnaqqas il-valur tieghu sabiex jigi ma jiswa xejn jew jiswa ferm anqas;

46. L-unika sottomissjoni maghmula mill-intimat fil-mertu hija li ishma u l-assi mizmumin mill-kumpaniji citati fir-rikors huma assi parafernali tal-intimat;

47. Mid-dokumenti annessi mar-rikors jirrizulta li is-socjetajiet Tangiers Group plc Tangiers Maritime Ltd, ReSyH Limited u Tangiers International LLC gew kostitwiti waqt iz-zwieg u li ghalhekk l-ishma tal-intimat f'dawn is-socjetajiet jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Is-socjeta Tangiers International Limited giet inkorporata fl-2008 u cioe' sentejn qabel iz-zwieg bejn il-partijiet izda l-azzjonisti f'din is-socjeta' huma l-intimat u s-socjeta' Tangiers Group plc li giet kostitwita waqt iz-zwieg u ghalhekk l-ishma ta' Tangiers Group plc f'Tangiers International Limited ukoll jistghu jitqiesu bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

48. L-introjtu u d-dhul tal-partijiet tul iz-zwieg gie esklussivament mis-socjetajiet imsemmija u r-rikorrenti ghaldaqstant ghandha interess ukoll fl-operat taghhom stante illi l-intimat, bhala direttur tas-socjetajiet, jista' jiehu decizjonijiet illi jistghu b'xi mod jippregudikaw l-assjem tal-assi illi

kellhom flimkien u ghalhekk l-interessi tar-rikorrenti jistghu jigu pregudikati;

49. Illi fir-rigward tal-hames talba,r-rikorrenti tishaq illi jekk il-valur tas-sehem detenut mill-kontendenti fdawn is-socjetajiet jigi ridott, il-valur tal-patrimonju komuni tal-kontendenti jigi ridott bit-tnaqqis tal-valur tal-ishma detenuti illi fuqhom l-istess kontendenti jkunu tilfu l-kontroll ghal kollox;

50. Illi r-rikorrenti qieghda tibza illi sejrin jinhargu ishma godda fis-socjetajiet msemmija li jigu sottoskritti ossija akkwistati minn terzi u li dan jigri minn wara daharha kif minn wara daharha qed jigu ppjanati manuvri shah sabiex titnehha minn kull kariga li ghandha u kif effettivament diga giet imwaqqfa milli taccedi ghall-pjattaformi tas-socjetajiet li taghhom hija direttrici;Jekk dan fil-fatt isehh minghajr ma l-intimat ikun ha sehem proporzjonali f'tali zieda, il-gid li jaghmel mill-komunjoni jkun ittiehed jew ghadda ghand haddiehor, jew ikun tnaqqas il-valur tieghu li jigi ma jiswiex, jingieb fix-xejn jew jiswa anqas u dan bi pregudizzju ghar-rikorrenti;

51. Jidher ghalhekk fuq bazi prima facie li r-rikorrenti bhala mart l-intimat ghandha jedd x'tikkawtela billi l-assi tal-komunjoni ma jigux trasferiti jew b'xi mod ri-organizzati jew ri-strutturati fil-mori tal-proceduri ta' separazzjoni;

52. Issir referenza ghal dak li gie stabbilit fil-provvediment li nghata fl-atti tal-**mandat ta inibizzjoni numru 145/2015 fl-ismijiet Daniela Gaea Souchet vs Jean Galea Souchet** fejn intqal li '*jekk kemm il-darba il-ligi taghti lil persuna li ghamlet jew tkun ser taghmel quddieem din il-Qorti kawza ghall-firda personali il-jedd ghaldaqshekk biss li titlob li tohrog Mandat allura dan ifisser li f''ghajnejn il-ligi dan huwa jedd 'prima facie' tajjeb bizzejjed biex talba bhal dik tintlaqa";*

53. Mid-dokumenti prodotti jidher lil-intimat ghandu ishma b'mod dirett jew indirett fis-socjetajiet indikati tramite xi socjeta ohra li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekkk la hemm kawza pendenti r-rikorrenti ghandha kull interess li tiprotegi d-drittijiet taghha sabiex ma jigix pregudikat il-konssitenza tal-komunjoni pendenti l-kawza ta separazzjoni;

54. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandha għalhekk dritt *prima facie* illi tikkawtela l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-intimat, bħala l-persuna illi tiġi milquta fil-każ illi jseħħ dak illi l-intimat qed jiġi inibit milli jagħmel;

55. Konsegwentement jirriżulta sodisfatt l-ewwel element rikjest għall-ħruġ tal-mandat odjern.

**B. It-Tieni Element: Preġudizzju Irrimedjabbli**

56. Din il-Qorti tqis illi l-preġudizzju illi jiġi arrekat lir-rikorrenti fil-każ illi ma jinħariġx il-mandat odjern jiklassifika bħala preġudizzju irrimedjabbli, u dan stante illi jekk ikun hemm it-trasferiment tal-ishma fis-socjetajiet imsemmija li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti jew ikun hemm dilution of shares b'mod tali li l-valur tas-sehem detenut mill-kontendenti jigi ridott il-patrimonju komuni tal-kontendednti jigi ridott bit-tnaqqis tal-valur tal-ishma detenuti illi fuqhom l-istess kontendenti jkunu tilfu l-kontroll ghal kollox. B'dan il-mod *"l-ishma tal-intimat (u li minnhom tgawdi wkoll ir-rikorrenti) jitilfu s-siwi taghhom b'mod li ma jistghax jitregga' lura".* (**Galea Souchet vs Galea Souchet** li saret referenza ghalih aktar il-fuq);

57. Il-Qorti għalhekk tikkonkludi illi jissussisti wkoll it-tieni element rikjest sabiex tiġi milqugħa t-talba tar-rikorrenti.

**C. It-Tielet Element: Il-Mandat irid ikun Neċessarju**

58. Finalment, din il-Qorti ma tarax illi hemm proċedura alternattiva illi r-rikorrenti setghat tirrikorri għaliha sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha sakemm tingħata deċiżjoni fil-mertu, għajr il-proċedura minnha magħżula, u cioe talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimat.

59. Għaldaqstant jirriżulta wkoll it-tielet element.

## Decide

60. Għal dawn il-motivi, u peress illi nstab illi ġew sodisfatti t-tliet elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba ta' din ix-xorta, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti magħmula ai termini tal-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi tali talba ġiet sorvolata;

ii. **<u>Tikkonferma</u>** b'mod definittiv id-digriet tagħha tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Dicembru 2023, u dana billi

iii. **<u>Tilqa'</u>** t-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfronti tal-intimat ; u

iv. **<u>Tordna</u>** n-notifika ta' dan il-provvediment lir-Registratur tal-Kumpaniji.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimat Christopher Catrambone.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, 2 ta' Frar 2024.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**